SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 21-20**

**26 ta’ Novembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ta’ Santa Luċija ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.15 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D’Amato – Kunsilliera
Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras – Il-Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Hadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**21.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**21.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 19-20 u tal-Minuti 20-20**

**21.2.1** ***Nuqqas ta' Attendenza Għall-Laqgħat tal-Kunsill***

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għal minuta 19.4.1 u qalet li din il-materja trid terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss għax skond l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali trid tkun fuq l-Agenda.

**21.2.2 Kuntratt: SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u *Soft Areas* fil-Lokalita' ta' Santa Luċija**

Il-Viċi Sindku irreferi għal minuta 19.6 u għal kuntratt il-ġdid hawn fuq imsemmi. Huwa informa l-Kunsill li dan il-kuntrattur qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna.

**21.2.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-minuti tal-laqgħa numru 19-20 u 20-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**21.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**21.3.1** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM20-20 għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2020 sal-20 ta' Novembru 2020 u minn *cheque* numru BOV 8258 sa cheque numru BOV 8259 u minn *Bank Transfer* 53/20 sa 83/20.

**22.4 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena 2020**

Is-Sindku ippreżentat rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2020 u t-30 ta' Settembru 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-*Overview* u *Summary* li tat indikazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja preżenti tal-Kunsill fejn il-*financial indicator* baqa' kostanti b' 59%.

Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**21.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**21.5.1 *Tiżjin ta' siġar bil-fairy lights fi żmien il-Milied***

Is-Sindku irreferit għat-tiżjin tal-Milied li qed isir fit-toroq u tkellmet dwar proposta tal-Kunsillier Terrence Ellul biex is-siġar kbar li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju u Pjazza Dorell jiżżejnu bil-Fairy Lights li għandhom jinxtraw u jibqgħu propjeta tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jintużaw kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill diġa ħa jonfoq il-*budget* kollu allokat għat-tiżjin tat-toroq u din ser tkun spiża addizzjonali. Ġie innutat li din is-sena mhux ser isiru attivitajiet tal-Milied minħabba l-pandemija għaldaqstant għandhom jinġiebu l-kwotazzjonijiet għal din l-ispiża u l-Kunsill jinżamm infurmat permezz ta' Memo ħalli din il-proposta tkun tista tiġi implimentata fil-ħin.

**21.5.2 X*iri ta' Bicycle Racks***

Is-Sindku ressqet kwotazzjonijiet għal xiri ta' *bicycle racks*. Saret diskussjoni u ġie innutat li fis-suq hemm tipi oħra ta' *bicycle racks* li huma aktar prattiċi għaldaqstant għandhom jinġiebu aktar kwotazzjonijiet. Ġie deċiż ukoll li dawn il-*bicycle racks* għandhom isiru fejn Ġnien is-Serenita' u fi Pjazza Dorell.

**21.5.3 *Talba miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż għall-użu tal-logo tal-Kunsill***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar it-talba hawn fuq imsemmija li qed issir biex jintuża l-logo tal-Kunsill fuq bolol li jikkomemoraw iċ-Chinese New Year peress li ta' kull sena din tiġi iċċelebrata flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

**21.5.4 *Policy tal-Kunsill dwar xiri ta' tablets għal Kunsilliera***

Is-Sindku qalet li ser titħejja *policy* dwar assi tal-Kunsill li jingħataw lill-membri tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv fil-qadi tad-dmirijiet relatati mal-Kunsill. Saret diskussjoni u ġie deċiż li fi tmiem il-kariga dawn l-assi għandhom jiġu irritornati lura għand il-Kunsill iżda għandu jkun

hemm l-*option* li dawn jinxtraw skond in-*net book value* tagħhom sa dik id-data.

**21.5.5** ***Talba minn resident biex isir siġra u lapida komemorattiva***

Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar talba li saret minn residenta biex issir siġra bil-lapida komemorattiva b'tifkira tar-raġel tagħha. Saret diskussjoni u l-Kunsill finalment qabel li ma joġġezjonax għal din il-proposta.

**21.5.6** ***Preliminary Market Consultation***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Awtorita tal-Artijiet tat l-approvazzjoni biex il-Kunsill joħroġ *Preliminary Market Consultation* għal *catering establishment* fil-Ġnien Ċiniż u l-Picnic Area. Hija ippreżentat ukoll *draft* ta' dan il-PMC u qalet li dan ser ikun fuq l-Aġenda fil-laqgħa li jmiss.

**21.5.7** ***Xiri ta' uniformi għal istaff klerikali tal-Kunsill***

Is-Sindku tkellmet dwar ix-xewqa li l-istaff klerikali tal-Kunsill ikollhom uniformi. Saret diskussjoni fejn ġie innutat li fil-passat l-istaff tal-Kunsill kellhom l-uniformi. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva u ġie deċiż li l-ispiża nvoluta għandha tiġi nkuża fil-*budget* li jmiss.

**21.5.8** ***Reġjun Nofsinhar – inizjattivi marbuta mal-Milied***

Is-Sindku qalet li ser tkun qed tieħu ħsieb torganizza żewġ attivitajiet żgħar li ser isiru minn fondi tar-Reġjun Nofsinhar. Hija qalet li waħda mill-attivitajiet ser tkun indirizzata għat-tfal u oħra għall-adulti. Saru diversi proposti u s-Sindku qalet li ser iżomm il-Kunsill infurmat bid-dettalji ta' dwar l-attivitajiet.

**21.5.9** ***Vakanza Segretarju Eżekuttiv***

Is-Sindku infurmat il-Kunsill bl-aħħar żviluppi fir-rigward tas-sejħa għal mili tal-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Santa Luċija. Hija qalet li kien hemm applikant wieħed biss li kien eleġibbli għal din is-sejħa. Is-Sindku qalet li l-*interview* li ser isir mill-Bord tal-Għażla huwa skedat għat-30 ta' Novembru 2020.

**21.5.10** ***Vakanza għal Part-Timer fuq xogħol klerikali***

Is-Sindku qalet li qed jinħass il-bżonn li l-Kunsill jimpjega *part-timer* fuq xogħol klerikali. Hija qalet ukoll li l-Kunsill diġa kien ġab permess biex ikollu part-time clerk. Is-Sindku ipproponiet li dan is-sejħa tkun għal skala 13 tal-anqas. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa tibda l-proċedura biex toħroġ din is-sejħa.

**21.5.11** ***Bankina Triq Maria De Domenicis***

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni biex issir parti mill-bankina fi Triq Maria De Domenicis. Saret diskussjoni u ġie deċiż li din il-parti tal-bankina tista ssir max-xogħol fuq il-kisi tat-toroq f'din it-triq. Is-Sindku qalet li ser terġa iġġib l-informazzjoni f'dan ir-rigward.

**21.5.12** ***Problema ta' Gutter fi Triq Pensjeri***

Is-Sindku irreferit għall-problema ta' *gutter* fi Triq Pensjeri kantuniera ma Triq Ġuljetta Lopez. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-aħjar li jmur jara l-perit tal-Kunsill.

**21.5.13** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

- B'referenza għal ilment numru 65/2020 il-Kunsill qabel li ssir tabella minħabba l-ħmieġ tal-klieb fi Triq Maria De Domenicis.

- B'referenza għat-talba mill-iskola Saint Frances biex issir fire-assembly point ħdejn fi Triq it-Tulipan, il-Kunsill ser jara x'permessi huma meħtieġa.

**21.6** **Laqgħa tal-Lokalita'**

Is-Sindku tkellmet dwar il-laqgħa tal-Lokalita' li trid issir sal-15 ta' Diċembru 2020 u li matulha jiġu ppreżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa li għandha ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020 fil-5.00p.m. Is-Sindku qalet li minħabba s-saħħa pubblika u l-pandemija tal-Covid 19 din il-laqgħa ser issir b'restrizzjonijiet.

**21.7 Ġieħ Santa Luċija**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill qabel li Ġieħ Santa Luċija għas-sena 2020 ser jingħata waqt Quddiesa ta' Ringrazzjament nhar il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2020 fis-6.30p.m. Il-Kunsill approva l-għoti ta' dan il-Ġieħ lil dawn ir-residenti kif ġej:

**Ġieħ Santa Luċija**

- Is-Sur Joe Scicluna
- Is-Sinjura Catherine Polidano
- Is-Sur Alfred Curmi

**Ġieħ Santa Lucija – Xogħol fil-Komunita'**

- Is-Sur James Pace

**21.8 Rapporti**

**21.8.1** Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contract Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Ottubru 2020, *Workplan* għax xahar ta' Novembru 2020 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Ottubru 2020

**21.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**21.9.1** Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-*coaches* li jiġu biex jiġbru t-tfal tal-Iskola Sekondarja ta' Santa Luċija fis-2.30p.m u qed iħallu l-magna startjata. Huwa staqsa jekk bħala Kunsill tistax issir kommunikazzjoni mas-Surmast tal-Iskola biex ix-xufiera jitfu l-magna tal-*coaches* minħabba l-*exhaust* u l-l-istorbu li qed joħloq inkonvenjent għar-residenti ta' dik it-triq. Is-Sindku qalet li l-mistoqsija ġiet innutata.

**20.10** ***Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru 2020 fil-4.45p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |